MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 732/2013

**Antonio Grech (ID 0424468M) u Sharon Borg (ID 0179378M)**

**Vs**

**Martin Tabone ( ID 401581M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta’ Novembru 2013 fejn l-atturi talbu il-hlas ta’ elf u hames mitt ewro (€1,500) li ghalkemm permezz ta’ skrittura privata datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Settembru, 2013 il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-atturi sa l-ahhar t’Ottubru 2013 hu naqas milli jaghmel dan.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-iskrittura u bl-ispejjez.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante

l-atturi sgwidaw u qarrqu bl-intimat. Illi skond l-iskrittura tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru, 2013 Antonio Grech u Sharon Borg accettaw li jcedu l-kirja tal-hanut bl-isem 'Duke's Confectionery'. Illi fil-fatt l-atturi wieghdu li l-hanut adebit b'permess u setgha jigi operat bhala confectionery, izda rrizulta illi l-unika permess vigenti tas-sit bin-numru 33, fi Triq Santa Marija, Ghaxaq huwa dak ta' bar. Konsegwentement l-unika intenzjoni tal-atturi fuq l-iskrittura in kwistjoni kienet illi jiffrodaw u jqarrqu bl-intimat. Konsegwentement minn issa qed jigi rizervat li l-intimat jiehu proceduri sabiex tigi rifuza lura s-somma li thallset fuq l-imsemmija skrittura oltre proceduri ghal danni minnu subiti.

Illi konsegwenza tal-istat ta' fatt imsemmi fl-ewwel (1) eccezzjoni, dan irendi l-iskrittura tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru,2013 bhala nulla u ma tiswiex bejn il-partijiet stante li hija nieqsa mill-iktar element essenzjali u cioe l-oggett tal-ftehim. Ghal din ir-raguni wkoll it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedent t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata tmienja (8) ta' Novembru, 2013.

L-attur Antonio Grechipprezenta affidavit fejn spjega illi l-partner tieghu, l-attrici Sharon Borg, waqt li kienet fil-hanut Duke's infurmatu li kien gie ragel certu Martin Tabone li ried jiehu l-hanut. L-attur kien informa lil dan ir-ragel li kellu jitkellem ma Sharon Borg u ma binha Christian Brog. Fil-fatt Martin Tabone kien ftihem ma Sharon u ma Christian u Antonio dahal fil-kwistjoni wara sabiex mar maghhom halli jinqalbu l-permessi u meta marru l-bank ha jsir il-hlas. Saret ukoll skrittura fejn gie mnizzel illi wara l-konvenut

hallas is-somma ta’ sbatax il elf ewro (€17,000) kellu jhallas elf u hames mitt ewro (€1,500) sax-xahar ta’ wara.

Xehdet Sharon Borg permezz ta’ affidavit li spjegat li l-konvenut kien dam jinsisti biex jiehu l-hanut u fl-ahhar Sharon Borg kienet qaltlu li kien l-hanut kien fih madwar tnax il elf ewro (€12,000) fi stock. Pero meta tkellmet mat-tifel taghha, Christian, kien qalilha li kien hemm iktar stock. B’hekk spiccaw jiddiljaw Christian u Martin. Madanakollu meta marru l-bank sabiex isir il-hlas Sharon kienet qalet lil Antonio biex imur peress illi inkwetat li tibghat lit-tifel wahdu b’somma kbira. Sharon Borg qalet illi wara li uriet il-karti kollha tal-hanut lil Martin dan kien qalilha li ma kien hemm ebda problema ghalih.

Xehed Christian Borg, iben l-attrici Sharon Borg, permezz ta’ affidavit li qal illi wara li ommu qaltlu b’Martin Tabone hu ma riedx jikrih il-hanut u lanqas qabel mal-ammont li semmiet ommu ta’ tnax il elf ewro (€12,000). Fil-fatt kien iltaqa ma’ Martin Tabone u qallu li b’dak l-ammont setgha jinsieh il-hanut ghax l-ammont kien baxx wisq. Wara kienu waslu ghall-ammont ta’ tmintax il elf u hames mitt ewro (€18,500). Ftehmu illi Martin kien ser ihallas l-ammont ta’ sbatax il elf ewro (€17,000) f’daqqa u elf u hames mitt ewro (€1,500) fi zmien xahar mill-iskrittura. Spjega wkoll illi lil Martin Tabone ommu kienet urietu l-karti kollha. Christian ikompli jghid illi fix-xahar li beda jahdem Martin fil-hanut hu kien imur ta’ spiss u jistaqsieh ghandux bzonn ta’ xi haga. Izda meta dan Christian kien mar lejliet il-gurnata li Martin Tabone kellu jhallas, sabiex ifakkru fil-hlas, Martin infurmah illi ma kienx ser ihallas dak l-ammont.

Permezz ta' affidavit pprezentat fit-tletin (30) ta' Jannar, 2014, Martin Tabone spejga illi hu kien mar fil-hanut li kellhom l-atturi u kien staqsihom biex jihu l-hanut hu. Fil-hanut kien sab lil Sharon Borg u din kienet qaltlu biex ikellem lil Antonio Grech. Fil-bidu l-konvenut jghid illi kienu talbuh is-somma ta' tnax il elf ewro (€12,000) biex icedu l-kirja izda wara din is-somma telghet ghal tmintax il elf u hames mitt ewro (€18,500) u kienu kkonvincewh jiehu l-hanut b'dan il-prezz bl-istock b'kollox. Il-konvenut qal illi hu dejjem tkellem ma Antonio Grech u kienet tkun prezenti Sharon Borg izda qatt ma tkellem ma Christian Borg. Meta saret l-iskrittura Martin kien hallas l-ammont ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) u l-bilanc kellu jithallas sa xahar wara.

Wara li kien gie ffinalizzat kollox il-konvenut skopra illi l-hanut ma kellux permess ta' confectionery. Kien ghalhekk illi kien informa lill-atturi li l-kumplament tal-flus kien ser jghatihomlhom meta jgibulu l-permess ta' confectionery.

Xehed Quentin Tanti in rapprezentanza tal-MTA li kkonferma li l-hanut in kwistjoni kellu l-permess ta' Bar.

Xehed Dr Michael Grech.

Xehed Oliver Magro in rapprezentanza tal-MEPA.

Xehed Vincent Attard li huwa s-sid tal-hanut in kwistjoni.

It-Tribunal semgha x-xhieda prodotti u ra d-dokumenti li gew ipprezentati.

Ikkunsidra:

Illi din hija kawza ghal hlas ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li l-konvenut kellu jhallas lill atturi ghal hanut 'Duke's Confectionery'. Izda l-konvenut wara

li sab li dan il-hanut ma kellux il-permess ta' 'confectionery' informahom illi mhux ser ihallas dan l-ammont minkejja li ntrabat li jaghmel dan bi skrittura.

Il-konvenut qed jirraguna illi l-hanut li cedewlu ma kellux permess ta' 'confectionery' u allura hu m'ghandux ihallas l-ammont mitlub. Min-naha taghhom l-atturi jsostnu illi huma cedew il-kirja tal-hanut bl-isem, 'Duke's Confectionery' u bl-ebda mod ma ntrabtu b'xi permessi. Qalu wkoll illi kienu wrew il-karti kollha lil konvenut minkejja li l-konvenut jinnega dan.

Fil-fehma tat-Tribunal l-atturi cedew il-kirja tal-hanut u thallsu wkoll tal-istock. It-Tribunal jaqbel illi l-hlas tal-flus ma kienx marbut ma permessi peress illi huma cedew kirja. L-atturi cedew dak li kellhom huma, ma weghdux xi haga li ma kellhomx. Kien fl-interess tal-konvenut illi jiccekkja l-permess li kellu l-hanut u jivverifika dak li kien ser jikri. Dan kien imissu ghamlu qabel intrabat bi skrittura li jhallas l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) lill-atturi.

Min-naha l-ohra t-Tribunal ma jistax ma jinnutax illi donnu l-partijiet kollha bdew jghatu x'wiehed jifhem li hadd ma ried jaghmel dan in-negozju. Qisu kulhadd gie mgieghel min-naha l-ohra. Dan it-Tribunal ma jemmnu xejn ghaliex jekk l-atturi cedew il-kirja ghamluha ghax riedu u mhux ghax iffittahom il-konvenut filwaqt illi l-konvenut ha l-kirja tal-hanut mhux ghax ikkonvincewh l-atturi izda ghax riedu jiehdu over.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) lill atturi bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------